# QORTI ĊIVILI - PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Ħmistax (15) ta' Diċembru 2021**

**Rikors Numru 157/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**Cassar Simmonds Bjorn (K.I.349981M)**

**Vs**

**Awtorita` għat-Trasport ta' Malta**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 19 ta' Frar 2019, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi huwa kien jagħmel xogħol ta' VTS Supervisor fi ħdan l-awtorita' intimata u dana fid-direttorat tal-Ports and Yachting b'dana illi huwa kien sospiż mix-xogħol tiegħu minħabba proċeduri penali li kellu fil-kontrih;*

    2. *Illi waqt li huwa kien sospiż ir-rikorrenti tilef bosta mill-benefiċċji u dħul li kien intitolat għalihom in kwantu ħlas li kellu jsir lilu;*

    3. *Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, sede inferjuri, l-esponenti rikorrenti ġie liberat minn kull akkuża li kellu fil-konfront tiegħu;*

    4. *Illi minkejja li reġa' rritorna għax-xogħol, ir-rikorrenti sofra danni konsiderevoli f'illi ma' tħallasx ta' kull ħlas li huwa kien intitolat għalih in konnessjoni max-xogħol tiegħu mal-awtorita' intimata kif ser jirriżulta waqt il-provi;*

    5. *Illi minkejja li interpellata sabiex tersaq għall-assunzjoni u likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrenti bl-ittra ufftċjali datata 22 ta' Jannar*

*2019, l-awtorita’ intimata baqgħet inadempjenti u rrifjutat li s'issa tħallas lir-rikorrenti;*

6. *Illi jingħad li ir-rikorrenti qatt ma' rċieva xi ordni jew deċiżjoni minn l-awtorita’ intimata li huwa ma' kienx ser jingħata l-benefiċċji u ħlasijiet kollha lilu dovuti kif mistħoqq iżda sempliċiment l-intimati baqgħu ma’ ħallsux lir-rikorrenti dak li huwa tiegħu u kien hemm tweġiba fin-negattiv għall-ittra uffiċjali mibgħuta mir-rikorrenti. Illi għalhekk kellha ssir dina l-kawża;*

*Għalhekk jgħidu l-intimati għaliex ma’ għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-*

*1. Tiddikjara li r-rikorrenti sofra danni, konsistenti f’telf ta’ ħlas ta’ benefiċċji u ħlasijiet relatati mal-impieg tiegħu wara li huwa reġa’ ddaħħal għax-xogħol mis-sospenzjoni temporanja tiegħu in segwitu tas-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Bjorn Cassar Simmonds et’ deċiża fit-8 ta' Awissu 2018 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, sede inferjuri;*

*2. Tillikwida d-danni hekk sofferti jekk meħtieġ bl-opera ta' periti nominandi;*

*3. Tordna lill-awtorita’ intimata tħallas id-danni u ħlasijiet hekk likwidati;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali u b’hekk l-awtorita’ tibqa’ nġunta għas-subizzjoni;*

2. Rat illi fit-8 ta’ April 2019 l-intimat Awtorita` għat-Trasport f’Malta irrisponda għal dak mitlub billi qajjem s-segwenti difiżi:

   1. *Illi l-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent Bjorn Cassar Simmonds huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha tiegħu stante illi s-sospensjoni mill-impjieg tiegħu mal-Awtorita' rispondenti ġiet imposta skond il-provvedimenti applikabbli tal-Ftehim Kollettiv illi kien jiregola l-impjieg tiegħu mal-Awtorita' rispondenti fil-mument li ġiet ordnata tali sospensjoni meta ġew istitwiti proċeduri kriminali kontra tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'akkużi relatati mal-impjieg tiegħu mal-istess Awtorita' rispondenti u l-Awtorita' rispondenti użat tajjeb id-diskrezzjoni tagħha illi tordna tali sospensjoni, u stante wkoll li, wara li r-rikorrent ġie assolt mill-akkużi li kienu ġew dedotti fil-konfront tiegħu fosthom ta' falsifikazzjoni u użu ta' dokument falsifikat b'sentenza mogħtija mill- Qorti tal-Appell Kriminali tat-8 t'Awissu, 2018 wara li huwa kien ġie misjub ħati in prim'istanza u kkundannat għal sentejn ħabs sospiżi għal erba' snin u interdizzjoni ġenerali perpetwa, l-Awtorita' rispondenti ħallsitu nofs il-paga bażika li kienet ġiet miżmuma matul il-perjodu tas-sospensjoni tiegħu u dan għas-saldu ta’ dak lilu dovut u għalhekk ebda ħlas ta' danni kif reklamat mir-rikorrent mhu lilu dovut.*

   2. *Illi r-rikorrent m'għandu assolutament ebda dritt illi jitlob u jirreklama ħlas ta' danni u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda bl-*

*ispejjeż. F'dan ir-rigward l-Awtorita' rispondenti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenzi fl-ismijiet 'Ex-PS1168 Joseph Caruana - vs- Kummissarju tal-Pulizija' (Deċiża 24/02/20014- PAQC, GCD) u 'EX-PC709 Francis Apap -vs- Kummissarju tal-Pulizija' (Deċiża 24/02/2004 - PAQ.C, GCD).*

3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Provi:**

3. Rat l-affidavit ta' **Bjorn Cassar Simmonds** ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2020 (fol 16) flimkien ma' dokumentazzjoni eżebita.

4. Semgħet ix-xhieda ta' **Ryan Mallia**, Human Resources Manager fi ħdan il-Payment Personnel Department tal-Awtorita', prodott mir-rikorrenti u mogħtija fl-4 ta' Marzu 2021 (fol 108) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita, ossija file personali tar-rikorrent li għandhom l-Awtorita' intimata.

5. Semgħet ix-xhieda ta' l-**Ispettur Doriette Cuschieri**, stazzjonata l-Economic Crimes Unit, mogħtija fl-4 ta' Marzu 2021 (fol 110).

6. Rat li, fis-6 ta' Lulju 2021, ġie ippreżentat Każ Nru T 0018 deċiż mill-Ombudsman fil-15 ta' Mejju 2020 fuq talba tar-rikorrenti in konnessjoni ma' sejħa ta' Head Port Operations fi ħdan il-Ports & Yachting Directorate tal-Awtorita' intimata u riżultat ta' interview illi saritlu fid-29 ta' Novembru 2018, fejn ġie gradat bħħla t-tieni minn żewġ applikanti li kien hemm. (fol 260).

7. Rat illi fis-6 ta' Lulju 2021, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

8. Semghet ix-xhieda ta' Bjorn Cassar Simmonds in kontro-eżami datata 15 ta' Marzu 2022 (fol 277).

9. Rat l-affidavit ta' **Roberta Cilia**, Senior Manager Human Resources fi ħdan l-Awtorita' Intimata, ippreżentata fis-26 ta' Mejju 2022 (fol 283).

10. Rat li fit-18 ta' Ottubru 2022, wara illi l-provi ġew dikjarati magħluqa, saret it-trattazzjoni finali orali ta' l-avukat difensur tar-rikorrent, filwaqt illi l-Avukat tal-awtorita' intimata talab żmien beix jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub.

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata fl-20 ta' Ottubru 2022 (fol 287).

12. Rat illi fit-18 ta' Ottubru 2022, il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

**Fatti tal-każ**

13. Jirriżulta li r-rikorrent kien impjegat tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta biex jagħmel xogħol ta' VTS Supervisor fi ħdan il-Ports & Yachting Directorate tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta.

14. Jirriżulta li l-Pulizija ipproċediet fil-konfront tar-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), minħabba akkuża ta' allegazzjonijiet ta' otteniment ta' ċertifikat minn istituzzjoni barranija fuq port u affarijiet relatati ma' kwistjonijiet marittimi. Jirriżulta li, l-Awtorita, kif rat tali azzjoni li ttieħdet, pproċediet biex issospendiet lir-rikorrent fuq 'half pay', kif kien jistipula l-Ftehim Kollettiv viġenti dak iż-żmien.

15. Jirriżulta li permezz ta' sentenza datata 3 ta' Lulju 2017 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, r-rikorrenti kien instab ħati ta' dawn l-akkużi u ġie kkundannat għal sentejn ħabs sospiżi għal erba' snin u interdizzjoni ġenerali perpetwa.

16. Jirriżulta li sussegwentement, ir-rikorrent kien appella minn din is-sentenza u ġiet mogħtija sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-8 ta' Awissu 2018 fejn ġie liberat mill-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

17. Jirriżulta li wara li ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Awissu 2018, huwa rritorna lura għax-xogħol hekk kif tneħħietlu s-sospensjoni u beda jirċievi s-salarju sħiħ, u anke tħallas nofs il-paga bażika li kienet ġiet lilu miżmuma matul il-perjodu tas-sospensjoni tiegħu. Għalhekk, meta irritorna għax-xogħol ingħata nofs il-paga bażika li kienet miżmuma matul il-perjodu ta' sospensjoni tiegħu, kif indikat fl-istess ftehim kollettiv.

**Ikkunsidrat**

18. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi r-rikorrent qiegħed, permezz tal-azzjoni preżenti, jikkontendi li sofra danni konsegwenza ta' telf ta' benefiċċju u ħlasijiet relatati mal-impjieg tiegħu **wara** li huwa reġa' daħal lura għax-xogħol mis-sospensjoni temporanja tiegħu in segwitu għas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Bjorn Cassar Simmonds" deċiża fit-8 ta' Awissu 2018 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri.

19. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-Awtorita` tat-Trasport f'Malta laqgħet għat-talbiet tar-rikorrent billi sostniet li s-sospensjoni tar-rikorrent kienet skont il-Ftehim Kollettiv, ħallsitu nofs paga tal-perjodu ta' sospensjoni, b'hekk l-ebda danni reklamati mir-rikorrent ma humiex dovuti, u m'għandux assolutament dritt li jirreklama danni, b'hekk saret referenza għas-sentenzi Ex- PS1168 Joseph Caruana vs Kummissarju tal-Pulizija deċiża fl-24 ta' Frar 2004, u Ex-PC709 Francis Apap vs Kummissarju tal-Pulizija.

**Ikkunsidrat**

20. Jirriżulta illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma ippernjati fuq il-fatt li huwa ġie sospiż mill-Awtorita` intimata, meta seta' ma ġiex sospiż mix-xogħol waqt li kienu għaddejjin proċeduri fil-konfront tiegħu, u qed jirreklama danni sofferti konsegwenza ta' dan.

21. Fit-trattazzjoni, l-abbli avukat difensur tar-rikorrent sostna li wara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża fit-8 ta' Awissu 2018, fejn ir-rikorrent ġie liberat minn kull imputazzjoni li kellu fil-konfront tiegħu, ir-rikorrent iddaħħal lura għax-xogħol. Ġie sostnut li mhuwiex ikkontestat, li ngħata nofs il-paga kif stipulat fil-ftehim kollettiv. Madankollu, ġie sostnut ukoll fit-trattazzjoni, li mill-affidavit ta' Roberta Cilia jirriżulta li s-sospensjoni kienet diskrezzjonali u d-diskrezzjoni intużat ħażin, tant huwa hekk li r-rikorrent baqa' ritenut innoċenti.

22. Minn naħa l-oħra, l-Awtorita` intimata fis-sottomissjonijiet sostniet, li l-argument użat fit-trattazzjoni dwar id-diskrezzjoni użata ħażin mill-Awtorita`, huwa argument li ma jreġġix. Inoltre`, ġie sottomess ukoll mill-Awtorita`, li r-rikorrent ingħata nofs is-salarju bażiku għall-perjodu ta' sospensjoni, iżda ma jistax jippretendi benefiċċju ta' ħlas bħallikieku kien qed jirraporta għax-xogħol normali meta ma kienx qed jagħmel dan.

23. Di piu`, fis-sottomissjonijiet, l-Awtorita` għat-Trasport ta' Malta, irreferiet ukoll għall-ġurisprudenza u speċifikatament għall-kawżi Ex-PS1168 Joseph Caruana vs Kummissarju tal-Pulizija deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' ta' Frar 2004, u Ex-PC709 Francis Apap vs Kummissarju tal-Pulizija deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Frar 2004, fejn il-Qorti irribadiet hekk:

> *"Wara li tneħħiet l-interdizzjoni, l-attur ingħata n-nofs tal-paga, li kien inżammlu waqt li kien interdett, mhux bi ħlas ta' xogħol li għamel, għax fil-fatt ma ħadimx, iżda bis-saħħa tar-Regolament 4(3) tar-Regolamenti ta' l-1977 tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, li kien fis-seħħ dak iż-żmien:*
>
> *4.(3) Jekk il-proċeduri ta' dixxiplina ma jirriżultawx fit-tkeċċija jew piena oħra ta' l-uffiċjal, huwa jkollu dritt għall-ammont sħiħ ta' salarju kieku ma ġiex interdett…..*
>
> *Il-jedd ta' l-attur għall-hlas jitnissel minn dan ir-regolament, u għalhekk huwa limitat għal dak biss li jipprovdi l-istess regolament. Ir-regolament ma jaħsibx għall-ħlas ta' imgħax jew ta' ħlasijiet żejda għal xogħol li, wara kollox, l-attur m'għamilx il-Ħdud u l-festi."*

24. Jibda biex jingħad li t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti huma speċifikatament talba għad-danni. Minn eżami ta' l-affidavit tar-rikorrent, huwa jispeċifika eżattament il-pretensjonijiet tiegħu fl-ewwel paragrafu tat-tieni paġna tal-affidavit tiegħu li jgħid hekk:

> *"Illum il-ġurnata jiena tħallast tal-gross li tlift tul is-snin li kont sospiż kif ukoll is-shift allowances ta' €5.82 fl-ġimgħa u kif ukoll l-Annual Performance Bonus 5% limitatament għas-sena 2018 biss. Għalhekk, jiena sal-lum il-ġurnata għadni ma ġejtx imħallas tan-night allowances, Sunday allowances, Public Holidays u Replacements tal-jiem kollha li jiena kont sospiż kif ukoll Annual Performance Bonus tas-snin 2016 u 2017. Għalhekk, jien għadni irrid niġi mħallas l-ammont ta' €48,426.37. Ma' din il-lista (Dok E) mhijiex ninkludi spejjeż li jien sofrejt minħabba l-kawża, spejjeż li sofrew il-ġenituri tiegħi u lanqas proġetti (imsemmija aktar l-isfel) u promotions li stajt niġi ikkunsidrat għalihom."*

25. F'dan l-istess paragrafu tal-affidavit, ir-rikorrent jirreferi għal prospett eżebit bħala Dok E a fol 45 u 46 tal-proċess. Minn dan id-dokument, jidhru id-danni reklamati dawk indikati bl-aħmar. Madankollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi d-danni kollha indikati fil-prospett Dok E, mhumiex id-danni kif riflessi fit-talba li saret lill-Qorti, għaliex fit-talba, ir-rikorrent jitkellem dwar danni u ħlasijiet dovut lilu **WARA** li huwa reġa' daħal lura għax-xogħol.

26. F'dan l-istadju, tajjeb jiġi puntwalizzat, li rriżulta manifestament ċar mill-affidavit ta' Roberta Cilia li xehdet in rappreżentanza tal-Awtorita` intimata li s-sospensjoni tar-rikorrent seħħet abbażi ta' dak li kien hemm miktub fil-Collective Agreement in vigore dak iż-żmien, fejn żiedet li kienet fid-diskrezzjoni tal-Awtorita` tordnax is-sospensjoni jew le.

27. Ladarba kienet fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorita` tordnax sospensjoni o meno meta kienu qed jittieħdu proċeduri l-Qorti fil-konfront tar-rikorrent, u ladarba kien hemm indikat li s-sospensjoni tar-rikorrent setgħet tiġi ordnata b'nofs paga, kif fil-fatt, ikkonferma l-istess rikorrent li tħallas għal nofs paga, din il-Qorti tqis li l-Awtorita` intimata mxiet skont dak stipulat fil-Collective Agreement.

28. Hawnhekk, din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess fis-sottomissjonijiet ta' l-Awtorita` intimata, li dak sostnut da parti tar-rikorrent dwar id-diskrezzjoni ta' l-Awtorita` referibbilment għas-sospensjoni tar-rikorrent, huwa argument li ma jreġġix. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva, li fit-talbiet tiegħu, ir-rikorrent ma indika xejn dwar diskrezzjoni o meno. M'hemm l-ebda talba li titratta dan il-punt. Iżda kien biss fl-aħħar ta' din il-proċedura, ossija fit-trattazzjoni, li ġie sollevat dan il-punt li d-diskrezzjoni intużat ħażin.

29. Din il-Qorti tagħmilha ċara, li ladarba m'hemm xejn dwar dan il-punt tad-diskrezzjoni għall-ordni ta' sospensjoni fit-talbiet, din il-Qorti ċertament mhijiex ser tippronunzja ruħha dwar dan. Mhuwiex lok fil-każ in eżami li din il-Qorti tinoltra ruħha fil-mertu tas-sospensjoni.

30. Għalhekk, ser jiġu trattati biss it-talbiet dwar danni kif jemerġu mit-talbiet kif promossi fir-rikors promotur.

31. Dwar danni mitluba, mir-riżultazi fattwali u mill-atti tal-każ jirriżulta li r-rikorrent kien ġie sospiż fit-2 ta' April 2016, liema sospensjoni damet għaddejja sad-data tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Awissu 2018. Jinsab ammess mill-istess rikorrent, li huwa tħallas għal 'half pay' matul dan il-perjodu.

32. Fil-fatt, l-istess Awtorita` intimata sostniet li dak kollu li kien intitolat għalih ir-rikorrent diġa' ġie mħallas tiegħu malli daħal lura għax-xogħol. Ġaladarba r-rikorrent kien sospiż u ma ħadimx f'dak il-perjodu ta' sospensjoni huwa ingħata l-ħlas 'half pay' li kien intitolat għalih,

33. Jirriżulta wkoll illi hekk kif r-rikorrent reġa' ddaħħal jaħdem wara s-sentenza tat-8 ta' Awissu 2018, huwa ingħata b'lura il-paga kollha li kienet inżammitlu fil-periodu li huwa kien sospiż, biex b'hekk ġie li dak li kien lilu inżammlu b'riżultat tas-sospensjoni, ġie eventwalment lilu mgħoddi.

34. Konsegwentement, l-ilmenti tar-rikorrent rigwardanti danni ma jinkwadrawx fiċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami. Inoltre`, dak li qed jirreklama r-rikorrent fit-talbiet u kif ukoll fl-affidavit tiegħu ma jammontawx għal danni. Ir-rikorrent qed jirreklama ħlasijiet u benefiċċji li huwa ma ngħatax għax ġie sospiż u ma kienx qiegħed jaħdem. Il-Qorti tosserva illi taħt l-ebda perspettiva dawn ma jistgħu jitqiesu minn din il-Qorti

bħala danni. Id-danni jeħtieġu ness ta' kawża u effett bejn l-att jew ommissjoni ħażina da parti ta' naħa u d-danni sofferti da parti ta' naħa oħra.

35. Iżda, fil-każ in eżami, ma jirriżultax dan in-ness u wisq anqas jeżisti att jew ommissjoni ħażina da parti ta' l-Awtorita' intimata li setgħet ikkawżat id-danni reklamati u pretiżi mir-rikorrent. Fil-fatt l-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jitkellem ċar dwar dan.

36. L-**Artikolu 1045(1) tal-Kap 16** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> *"Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha ikun iġib direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'il quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."*

37. Minn din id-disposizzjoni tal-liġi, jirriżulta ċar, li jeħtieġ ness ta' kawża u effett ma' l-att jew ommissjoni u l-effett dirett fuq min qed jirreklama danni sofferti.

38. Fil-każ in eżami, ma jirriżultax l-att jew ommissjoni u lanqas l-effett dirett fuq ir-rikorrent, kwindi din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrent għad-danni mhumiex ġustifikati fil-fatt u fid-dritt.

39. Għaldaqstant, ser tirrespinġi t-talbiet tar-rikorrent għall-motivi spjegati.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrent, u ta' l-Awtorita' għat-Trasport ta' Malta.

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet ta' l-Awtorita` għat-Trasport ta' Malta.

**Tiċħad** it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti.

**L-ispejjeż** għall-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur